**Kisba 3: Nisma' test/i għall-fehim fuq suġġetti, f'kuntesti jew sitwazzjonijiet differenti.**

# Dun Pino Puglisi – Qassis li sfida 'l-Mafja bi tbissima



***Il-Karta tal-Għalliem***

## Dun Pino Puglisi – Qassis li sfida 'l-Mafja bi tbissima

Hemm xi ħaġa li tant hija għal qalbek li għaliha lest titlef kollox? Dun Giuseppe Puglisi tilef ħajtu għaliex ma kienx lest iċedi l-ideali tiegħu u jħalli liż-żgħażagħ jaqbdu karriera kriminali.

Dun Giuseppe Puglisi twieled fl-1937, fil-kwartier fqir ta' Brancaccio, f'Palermo, Sqallija. Iben skarpan u omm ħajjata, huwa kien ordnat saċerdot fl-1960. Tul ħajtu, ħadem f'diversi parroċċi, dejjem b'impenn soċjali qawwi favur iż-żgħażagħ u l-familji emarġinati.

Fl-1990, Dun Pino, kif kien magħruf minn kulħadd, inħatar kappillan ta' San Gaetano fi Brancaccio, distrett ikkontrollat mill-aħwa Mafjużi Graviano. Dun Pino, ħadem b'ruħu u ġismu biex il-problemi tal-komunità tiegħu jkunu indirizzati, u ma beżax għal ġildu meta sfida l-kultura tal-omertà. Huwa pprova jipproteġi lit-tfal, li kienu jqisu lill-Mafjużi bħala allat, milli jissieħbu magħhom billi waqqaf ċentru għalihom imsejjaħ **Padre Nostro**, fejn offra alternattiva pożittiva għal dawk li kienu f'riskju li jidħlu fid-dinja kriminali.

Permezz tal-attivitajiet u tal-logħob li kien jorganizza f'dan iċ-ċentru Dun Pino kkonvinċa ħafna żgħażagħ li wieħed jista' jikseb ir-rispett tal-oħrajn mingħajr il-bżonn li jsir kriminal u dan jagħmlu sempliċiment billi jħaddan ideat u valuri tajba. Dun Puglisi ġabar mit-toroq ħafna tfal li mingħajru kienu jehdew b'xi serqa żgħira u mbagħad jispiċċaw jittraffikaw id-droga. Huwa stinka qatigħ mal-awtoritajiet biex fi Brancaccio titwaqqaf skola sekondarja, klinika u servizz tajjeb ta' trasport pubbliku. Waqqaf ukoll assoċjazzjoni biex tagħmel pressjoni għal amministrazzjoni lokali aħjar u biex isiru t-tibdiliet meħtieġa biex Brancaccio jkun modernizzat u jonqos il-faqar.

Puglisi ma kienx figura pubblika spettakolari, iżda qassis umli li bil-kelma u l-eżempju tiegħu, kien qed jhedded l-interessi tal-Mafja. Huwa rrifjuta donazzjonijiet suspettużi u ma ħalliex lill-"uomini d'onore" imexxu purċissjonijiet reliġjużi organizzati fil-knisja tiegħu. Ħidmietu wasslet biex il-Mafja tibda tqisu bħala xewka għax kien qed jagħti lit-tfal u ż-żgħażagħ alternattiva għall-kriminalità, li kienet għall-Mafja garanzija tat-tkomplija tal-attivitajiet kriminali tagħhom. Għal dan l-aġir, Dun Pino ħallas b'ġildu. Huwa

beda jirċievi ittri anonimi ta' theddid fuq ħajtu u vendikazzjonijiet fuq il-karozza tiegħu u ta' dawk li kienu jaħdmu id f'id miegħu fix-xogħol maż-żgħażagħ.

Il-Mafja ma setgħetx tibqa' rieqda quddiem il-bidla li kien qed iġib Dun Pino fi Brancaccio. Fil-15 ta' Settembru 1993, f'għeluq is-56 sena tiegħu, Dun Puglisi nqatel kiesaħ u biered b'tir f'għonqu quddiem daru. L-aħħar kliem li lissen lill-qattiel tiegħu kien: **"Kont qed nistennieha."**

Il-qtil tiegħu xxokkja lill-Italja u wassal għal kundanni ta' għomor il-ħabs lill-aħwa Graviano u l-qattiela. Dun Puglisi huwa meqjus martri u ġie ddikjarat Beatu fl-2013.

Il-messaġġ tiegħu jibqa' jgħix: **"Jekk kull wieħed jagħmel xi ħaġa, flimkien nistgħu nagħmlu ħafna."** Dun Pino Puglisi huwa simbolu ta' kuraġġ, fidi u ġustizzja f'soċjetà li spiss tibża' titkellem.

## Is-Smigħ - Risposti (Total: ☐ | 20 marka)

1. F'liema sena Dun Pino nħatar kappillan ta' Brancaccio? Fl-1990 (1)

2. Agħżel it-tweġiba t-tajba.

Il-frażi 'familji emarġinati' tfisser: (1)

a. Familji Mafjużi. ☐

b. Familji fqar u mwarrba mingħajr aċċess għas-servizzi bażiċi. ☑

ċ. Familji li għandhom tfal delinkwenti. ☐

3. Agħti t-tifsira ta' dawn l-idjomi kif użati fis-silta. (4)

a. tilef ħajtu: miet

b. ħadem b'ruħu u ġismu: Stinka kemm felaħ bl-enerġija kollha tiegħu.

ċ. ħallas b'ġildu: ta ħajtu

d. id f'id: jikkoperaw miegħu u jgħinuh f'xogħlu.

4. Qabbel kolonna m'oħra skont dak li smajt fis-silta. (4)

| | | |
|---|---|---|
| a. L-aħwa Graviano | ċ | Distrett fqir ikkontrollat mill-Mafja ta' Palermo. |
| b. Padre Nostro | d | Wieħed iżomm fommu sieket għax jibża' li jpattuhielu. |
| ċ. Brancaccio | b | Ċentru ta' kura u tagħlim għat-tfal u ż-żgħażagħ. |
| d. Omertà | a | Aħwa mafjużi kienu jikkontrollaw Brancaccio u li ħallsu għall-qtil ta' Dun Pino. |

5. X'periklu ried jevita liż-żgħażagħ u lit-tfal ta' Brancaccio? (2)

Huwa ried li t-tfal u ż-żgħażagħ ta' dan il-post ma jaqbdux kriminali.

6. X'alternattiva għall-kriminalità offra Dun Pino lit-tfal u ż-żgħażagħ għad-delinkwenza? (2)

Dun Pino fetaħ iċ-Ċentru Padre Nostro (fejn it-tfal u ż-żgħażagħ setgħu iqattgħu ħinhom f'ambjent protett mill-kriminalità).

7. Liema **kelma** mill-bidu tas-silta turi li r-residenti ta' Brancaccio kienu jqisu lil tal-Mafja

bħala li *ħadd ma jista' għalihom*? allat______ (1)

8. Skont Dun Pino x'għandna nagħmlu biex niggwadanjaw ir-rispett tal-oħrajn? (1)

Nirbħu l-istima tal-oħrajn billi nħaddnu ideat u valuri tajbin.

9. X'kienu l-ewwel **żewġ** sinjali ta' twissija mill-Mafja lil Dun Pino biex iwaqqaf il-ħidma tiegħu? (2)

i. Irċieva ittri anonimi ta' theddid fuq ħajtu.

ii. Għamlu vendikazzjonijiet fuq il-karozza tiegħu u fuq ta' dawk li jgħinuh f'ħidmietu.

10a. Minn dak li smajt kif taħseb li l-faqar li kien hemm fi Brancaccio kien qed jinfluwenza lit-tfal u ż-żgħażagħ? (1)

Iva għaliex ħafna mit-tfal u ż-żgħażagħ, minflok imorru skola kienu jagħmlu attivitajiet illegali bħal jisirqu u jbigħu s-sigaretti u d-drogi biex jaqilgħu xi ħaġa tal-flus.

b. Għalfejn il-qassis ħadem kemm felaħ biex dan ir-raħal ikun modernizzat u żviluppat b'mod pożittiv b'risq il-kommunità? (1)

Huwa rrealizza li jekk ir-raħal ta' Brancaccio jkun immodernizzat u fost l-oħrajn ikun hemm skejjel u transport pubbliku effiċjenti, ikun aktar faċli għat-tfal u ż-żgħażagħ li jmorru l-iskola u hekk ikollhom opportunità akbar li jsibu xogħol. Dan seta' jgħinhom ikunu indipendenti mill-Mafja.